# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



BirdLife MALTA 40 years for birds

Klabb Ħuttaf

Numru 53 Novembru - Diċembru 2002



il-fjunfant afrikan

# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttaf...

Dan l-aħħar fuq it-televixin rajt programm jismu *Canteen*, programm li fih grupp żgħażagħ jiddiskutu u jargumentaw fuq xi suġġett. Diddarba kien fuq l-annimali.

Ħadt pjaċir narah għax ħafna miż-żgħażagħ li tkellmu qalu affarijiet bis-sens. Jidher li l-kuxjenza favur l-annimali qiegħda żżid anke f'Malta. Il-kampanji edukattivi, il-protesti, l-istqarrijiet eċċ li għamlet il-BirdLife għal ħafna snin jidher li fl-aħħar qed jagħti l-frott!

Insomma, f'dal-programm iż-żgħażagħ qabdu ma' suġġetti bħal pets eżotiċi, iċ-ċirklu bl-annimali, il-veġetarjani eċċ. M'għandniex xi ngħidu l-kliem waqa' fuq il-kaċċa - heqq meta titkellem fuq il-moħqrija ta' l-annimali, ma tistax ma ssemmix il-kaċċa! U ħafna miż-żgħażagħ preżenti qalu li ma jaqblux ma' min joqtol l-annimali għall-gost.

Fil-programm kien hemm ukoll André Callus, Joanna Ellul u Simon Sultana, tliet żgħażagħ ħabrieka tal-Falko (ara paġ9), li qalu erba' kelmiet sbieħ u sodi.

Prosit lill-organizzaturi u lill-preżentaturi tal-programm *Canteen* talli mexxew diskussjoni tant importanti u għal qalbna.

Prosit ukoll lill-Falko, mhux biss talli attendew, imma wkoll ta' kemm xogħol u attivitajiet qed jagħmlu u ta' kemm qed isiru organizzati! Inħeġġeġ lill-membri ta' taħt it-13 biex tibqgħu membri fil-klabb ħalli kif issiru teenagers taqilbu għal mal-Falko u tibdew tgawdu mill-attivitajiet tagħhom ukoll.

U rrid ngħid prosit ukoll lil dawk il-mijiet ta' nies li nhar it-Tlieta 19 Novembru 2002 marru l-Belt għad-dimostrazzjoni favur id-drittijiet ta' l-annimali. Il-BirdLife kienet l-ewwel għaqda f'Malta li bdiet tiddefendi l-annimali, fis-sena 1962. Dak iż-żmien kienet weħidha, bi ftit membri biss, imma qatt ma waqfet, u sal-lum għadna għaddejjin, u sadattant faqqsu ħafna għaqdiet oħrajn. Jalla din l-armata tkompli tikber.

Ċaw ċaw u l-Milied it-tajjeb!



Victor

**Victor Falzon**
Editur

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| nittrumbjaw fuq il-margun | 5 |
| avviżi | 6 |
| sittsaqajn | 6 |
| awguri | 6 |
| spotnatura | 7 |
| kompetizzjoni 53 | 7 |
| ittri | 8 |
| attività | 8 |
| inkredibbli | 8 |
| paġna falko | 9 |
| il-biedja organika | 10 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| kalendarju 2003 | 12 |



### Kumitat Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'din il-publikazzjoni jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem Il-Ħuttafa u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Gallozz Iswed** (ritratt ta' Denis Cachia)
Faċċata ta' wara: **Il-Kalendarju 2003**
Stampat: Poulton's Print Shop, Novembru 2002

EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR


Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Ħuttafa*** kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Raw il-Graw!




F'Ottubru xi membri tal-BirdLife għamlu ġimgħa jirringjaw l-għasafar fuq Kemmuna. Jum minnhom (28th) ħadu sorpriża: raw il-graw!

Rawhom deħlin minn fuq Għawdex, kienu 10 grawwiet flimkien. Dawn tbaxxew u niżlu fuq Kemmuna! U qagħdu hemm jistrieħu u jħarsu u kultant inaqqru xi ħaġa mill-art. Naturalment il-berdwoċers kważi ħasshom ħażin!

Il-graw baqgħu hemm il-lejl u l-għada filgħodu. Sadattant kienu faqqsu aktar berdwoċers minn Malta, għax li tara grawwa (common crane *Grus grus*) Malta diġà mhix ħaġa ta' kuljum, aħseb u ara jinżlu quddiemek u jagħmlu l-lejl!

Insomma biex nagħlqu, fl-aħħar xi żewġ turisti li kienu mexjin fuq ix-xagħra gerrxu (bla ma riedu) l-graw, li taru u ġibdu lejn in-Nofsinhar. Kulħadd talab li jaslu l-Afrika qawwijin u sħaħ bla ma jiltaqgħu ma' xi kaċċatur ġo dingi.

# Ħondoq it-Terrapien

Xi għorrief li jridu jsiru miljunarji ħolmu bi proġett mostruż għal Ħondoq ir-Rummien. Ħondoq ir-Rummien huwa xatt kwiet f'Għawdex fejn il-merill jgħanni ma' l-irdum. Issa dawn il-professuri jridu jibnu raħal sħiħ, b'lukanda 5-star, djar, toroq, knisja, ristoranti, marina għall-jottijiet, brejkwoter... insomma kollox. U l-wiċċ tost qalu li b'dak li se jagħmlu, l-ambjent se jsir iktar sabiħ!! Kemm ħasbuna tuba jaħasra! Aħna tal-BirdLife nisperaw li l-MEPA taqbad dal-proġett, tqattgħu biċċiet żgħar ħafna u tarmih fil-landa ta' l-iskart! Naraw x'se jiġri!










# Meta l-Etna tisgħol!

F'Ottubru stennejna x-xita, imma flok xita ta' ilma għamlet xita ta' rmied! Għax hekk dehrilha l-Etna.

Dar-ritratt tas-satellita juri l-muntanja Etna qed tiżbroffa u sħaba duħħan u rmied ħierġa minnha u nieżla tinfirex lejn il-Libja.

L-Etna hija l-ogħla vulkan ta' Ewropa (3323m), u allavolja qiegħed iktar minn 200km 'l bogħod minn Malta, f'ġurnata b'viżibilità tajba l-Etna jidher anke minn Malta.

Għalhekk meta tiġina xerqa, aħna wkoll kultant naraw l-effetti tagħha!




# kamuniak



Kamuniak huwa l-laqam ta' leonessa speċjali li tgħix fil-Kenja. X'għandha speċjali? Intom araw l-istampa u tindunaw! Dil-leonessa flok qed trabbi ljuni żgħar qed trabbi... oriks żgħar!

L-oriks huma antilopi, u l-iljuni s-soltu jikluhom mhux irabbuhom!! Imma Kamuniak qed tisraqhom mill-ommijiet vera tagħhom u tieħu ħsiebhom hi, u anke tiddefendihom minn iljuni oħrajn. Dawn il-frieħ wara ftit taż-żmien jaħarbulha u jerġgħu lura għand ommhom vera. Imma Kamuniak ma tikkonfondix, anzi taqbad u tisraq ferħ ieħor! Fil-fatt s'issa diġà serqet ħamsa!

Bilħaqq, il-kelma *Kamuniak* bil-lingwa tal-post tfisser "l-imbierka"!

# Diżastru ieħor!

Tanker taż-żejt mgħobbi b'77,000 tunnellata żejt sab l-inkwiet f'baħar imqalleb fl-Atlantiku ftit 'il barra mix-xatt ta' Spanja. Mid-dehra xxaqqaqlu l-ġenb u beda jidħollu l-ilma, waqt li beda ħiereġ iż-żejt. Fl-aħħar it-tanker inqasam fi tnejn u għereq f'baħar 3.5km fond!



L-10,000 tunnellata li (s'issa) ħarġet minnu diġà tellfet l-għixien ta' elf sajjied, dellket parti mix-xatt ta' Spanja b'lega żejt iswed jinten, u qatlet min jaf kemm ħut u ħajja oħra tal-baħar. Għall-għasafar tal-baħar bħal **gawwi**, **ċirlew**, **sul**, **ċief**, **blonġuni**, **borok**, **mwies**, **skua** u **purċinelli tal-baħar**, iż-żejt huwa periklu kbir. Meta r-rix jiċċappsilhom biż-żejt, l-għasafar jippruvaw inaddfuh għax kif tafu, l-għasafar iffissati bl-indafa ta' rixhom! Imma huma u jagħmlu dan, jibilgħu ż-żejt... u jmutu vvelenati!

Sadattant fil-fdalijiet tat-tanker għad hemm 65,000 tunnellata żejt. X'se jiġri? Kif se jinħareġ dak iż-żejt minn dak il-fond kollu? Ħadd ma jaf. Li jafu żgur hu li jekk joħroġ dak iż-żejt se jkollna diżastru ekoloġiku kbir ħafna.

**Uħud mill-akbar tixrid ta' żejt**

| data | kwantità | pajjiż |
|---|---|---|
| 1967 | 119,000t | Renju Unit |
| 1979 | 160,000t | Tobago |
| 1989 | 38,800t | Alaska |
| 1992 | 80,000t | Spanja |
| 1993 | 85,000t | Shetlands |

t = tunnellata






ingliż **great cormorant**
xjentifiku ***Phalacrocorax carbo***



# il-margun

Mark Anthony Falzon

**Bħalissa l-aħjar żmien għas-*seawatching*. Is-*seawatching* ifisser li tmur f'xatt il-baħar bit-tromba, bil-gajd u bin-nowtbuk, issib post komdu, u toqgħod tittrombja lejn il-baħar sakemm tibda tara l-għasafar. Tinstema' sempliċi, imma fil-fatt hija biċċa xogħol ta' paċenzja, speċjalment meta ma tantx jgħaddu għasafar. Imma meta jgħaddu, tieħu pjaċir! Postijiet tajbin għas-*seawatching* huma l-Qawra fil-ħarifa u ċ-Ċirkewwa fir-rebbiegħa. U wieħed mill-għasafar li jidhru spiss mal-baħar huwa l-margun.**

Il-margun jidher l-iktar fil-ħarifa (Ottubru-Novembru) imma ġieli jidher ukoll fix-xitwa (Diċembru-Marzu). Kultant xi margun jipprova jqatta' x-xitwa magħna, f'xi port jew bajja mdaqqsa. Ħafna drabi jidher waħdu jew fi qtajja' żgħar, imma xi berdwoċers tal-Birdlife ġieli raw qtajja' sbieħ ta' madwar 15-il margun.

Il-margun faċli tagħrfu. Huwa għasfur kbir, kważi iswed kollu, għalkemm il-frieħ ikunu aktar fil-kannella skur (għalkemm mill-bogħod xorta jidhru suwed) - il-frieħ ġieli jkollhom ukoll żaqqhom u għonqhom kważi bojod. Munqaru isfar, tawwali u gganċjat biex jaqbad il-ħut, u saqajh huma skuri u mċaftrin. L-iktar li jingħaraf però huwa mit-titjira, li hi pjuttost mgħaġġla b'qadfiet żgħar fejn il-ġwienaħ biikemm jitgħawġu. Meta jtir iżomm għonqu 'l barra (mhux bħalma jagħmlu ngħidu aħna l-irsieset, li jtiru b'rashom mgħaddsa f'għonqhom!)

Il-margun jiekol il-ħut, u mhux l-ewwel darba li waqt is-*seawatching* naraw xi wieħed jogħdos għalihom. Meta joħroġ mill-ilma, il-margun għandu drawwa interessanti li joqgħod wieqaf fuq xi zokk ma' l-ilma bil-ġwienaħ nofshom miftuħin. Darba niftakar kont rajt wieħed hekk fir-riserva ta' l-Għadira. Għal min ġieli siefer, il-margun spiss taraħ max-xmajjar. Per eżempju fuq ix-xmara Thames f'Londra huwa komuni, għalhekk jekk se ssiefru għall-Milied, żommu għajnejkom miftuħin.

Interessanti li fl-Asja n-nies jittrenjaw l-imragen biex jaqbdulhom il-ħut. Jorbtulhom ħolqa m'għonqhom ħalli meta jaqbdu l-ħut ma jkunux jistgħu jibilgħuh, u għalhekk il-ħut jieħdu s-sajjied għall-aljotta!!

Tmorru **QATT** *seawatching* weħidkom fix-xitwa għax il-baħar jaf ikun qawwi u perikoluż. Jekk tixtiequ tibdew il-passatemp sabiħ tal-berdwoċing, ikkuntattjaw lill-Editur u dan jgħidilkom fejn u meta tmorru, biex tkunu dejjem ma' grupp.



Jogħdos għall-ħut.






**Dal-Milied (u KULL Milied) titolbux pets bħala rigali jekk ma tkunux ċerti li lesti tieħdu ħsiebhom tul kemm idumu ħajjin (kultant ħafna snin)!**

**U jekk se tagħżlu pet, tagħżlux xi annimal eżotiku bħal sriep, skwirils, igwani, xadini eċċ. Dawn l-annimali ħafna drabi jkunu nqabdu mis-selvaġġ, u barra minn hekk ibatu bil-klima ta' Malta. U jekk jimirdu?! Kemm taħsbu li hawn vets Maltin ittrenjati biex jikkuraw is-sriep!? Jaqaw kelb jew qattus m'għadhomx moda?!**

# il-ġurat

Kull tip ta' ġurat li jeżisti jibda ħajtu minn bajda. Il-ġurati jbidu l-bajd ġol-ħamrija fejn aħna ma narawhomx. Is-sħana tal-ħamrija għandha rwol importanti ħafna, għax iktar ma din tkun sħuna iktar il-bajd ifaqqas malajr!

Il-ġurati għandhom metamorfosi sempliċi, jiġifieri l-ġurat ferħ ikun diġà jixbah ħafna lill-adult, imma jkun iżgħar u ma jkollux ġwienaħ. Biex jikber ikollu jbiddel il-qoxra iebsa. Sa ma jikber ikun biddilha minn 4 sa 6 darbiet (skond l-ispeċi).

Wara l-aħħar bidla tal-qoxra l-ġurat ikun adult u jkollu l-ġwienaħ żviluppati, imma jridu jgħaddu ġimagħtejn biex ikun jista' jirriproduċi. F'dan il-perjodu l-ġurat mara żżid fil-piż u jiżviluppa fiha l-ewwel grupp bajd. Wara li titgħammar ma' raġel ta' l-istess speċi, thaffer toqba fil-ħamrija bl-ovipożitur u tbid l-ewwel tqegħida bajd. Il-ġurat mara tibqa' tbid tul ħajjitha kollha. Hi tbid minn waħda sa tliet tqegħidiet fil-ġimgħa.

## SITTSAQAJN

*Matthew Borg Cardona*



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf jixtieq il-Milied it-Tajjeb lilkom u lill-familja kollha!**




## Qatt tinsa!

**Kull darba li ġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf nibagħtulek poster ta' xi għasfur, kbir u bil-kulur. Kull sena wieħed differenti.**

# is-siġra taż-żnuber

*jason aloisio*

Tiskanta kif il-vizzji jittiehdu iktar mill-influenza, li daż-żmien tibda taghmel taghha!

F'ċerti pajjiżi jitkabbru hafna siġar biex f'daż-żmien jinqatghu u jinbieghu bhala siġar tal-Milied. Hawn Malta xi whud thajru minn din l-idea, imma dawn flok ma jkabbru siġar ġodda, iqaċċtu dak li diġà jeżisti! Fis-satra tal-lejl (ghax jafu li qed jaghmlu hażin), johorġu jfittxu siġar taċ-ċipress u taż-żnuber, iqaċċtuhom, jghabbuhom fuq il-karozza u ġirja lura lejn id-dar biex jaghmluha Christmas Tree. Eżempju klassiku ta' egoiżmu li ghandhom ċerti nies. X'jimpurtahom li qatlu siġra li hadet is-snin biex kibret? L-aqwa li gawdewha huma! Imbaghad wara l-ġimaghtejn tal-festa jaqbdu u jarmuha, jew iqattghuha hatab ghall-fuklar.

Issa mill-garr ha nghaddu ghal ftit taghrif fuq is-siġra...

Iż-żnuber hija siġra tipikament Maltija. Xi 150 sena ilu kienet inqerdet kważi ghal kollox minn pajjiżna, imma xi whud rashom fuq ghonqhom reġghu kabbru siġar ġodda minn żrieragh li hadu minn siġar li kienu ghadhom jikbru f'xi ġonna. Maż-żmien reġghet saret komuni. Iż-żnuber hija mir-razza tal-koniferi ghax taghmel il-prinjol. Dawn idumu tliet snin jikbru, imbaghad jinfethu u jxerrdu ż-żerriegha. Hija siġra li tiflah sew ghan-nuqqas ta' ilma u kapaċi tikber f'art ġeblija bi ftit li xejn hamrija. Dawn huma r-raġunijiet ewlenin ghala ż-żnuber jikber sew f'Malta, tant li kapaċi anke jitkattru wehidhom, minghajr l-ghajnuna tal-bniedem.



iż-żnuber taghmel weraq qisu labar, u frott iebes li jghidulu prinjol

## Kompetizzjoni 53

*Norman (Birdy) Chetcuti*




Qabblu ras l-ghasfur ma' ismu. Fil-kaxxi l-vojta hdejn kull ras dahhlu l-ittra skond il-lista li ghandkom isfel (l-ewwel wahda lestejnihielkom). Imbaghad iktbu l-lista fuq karta u ibaghtuhielna + isimkom u l-indirizz. Jew ibaghtulna t-tweġibiet bl-email. Żmien ghandkom sal-31 Diċembru 2002. Premju: il-**Kalendarju l-ġdid** (ara paġ 12). U tqasqsux il-magażin, ghax tirvinawh.




| | |
|---|---|
| A. gamiema | E. ghasfur ta' san martin |
| B. farruġ | F. spanjulett |
| C. daqquqa tat-toppu | G. buqrajq |
| D. qerd in-nahal | H. xifa |

### Kompetizzjoni 52

Ir-rebbieha ta' Kompetizzjoni 52 hija **Francesca Busuttil** minn Hal Lija. Francesca se tirċievi bil-posta l-kartolini li rebhet. Prosit Francesca!

ittra

# Tiklux Pitohui!

Għażiż Editur,

L-ewwelnett prosit tassew, għax dejjem qed tagħmel rivista aħjar u isbaħ minn ta' qabel. Dejjem qed ikun hemm artikli interessanti u mhux tas-soltu.

Qed nikteb għax dan l-aħħar qrajt li jeżisti għasfur velenuż! Dan l-għasfur stramb huwa l-hooded pitohui *Pitohui dichrous*. Dan jgħix fil-Papua New Guinea u nstab fl-1990. Ħadd ma jaf għaliex dan l-għasfur rarissimu għandu rixu u l-ġilda tiegħu bl-istess tip ta' velenu (homobatrochotoxin) tal-poison dart frog, li huwa l-aktar annimal velenuż fid-dinja. Qatra żgħira minn dan il-velenu tista' toqtol bniedem. Bħal ħafna annimali velenużi oħra, il-hooded pitohui jitfa' riħa tinten meta jkun fil-periklu.

Qatt ma kont nobsor li għasfur tant sabiħ bħall-hooded pitohui hu fl-istess ħin daqshekk tal-biża'. Ġietni l-kurżità u sibt fl-internet li ċertu Dumbacher u xi kollegi tiegħu irrappurtaw għasfur ieħor ta' New Guinea velenuż: il-blue-capped ifrita *Ifrita koawldi*.

Tgħid din hi xi forma ta' evoluzzjoni ġdida fl-għasafar, biex jiddefendu ruħhom aħjar?

**Juan Ellul Pirotta**, Naxxar



Għażiż Juan,

Ittra interessanti. Jidher li għandek għal qalbek ħafna n-natura.

Il-pitohui u l-ifrita huma għasafar tal-ġungli li jieklu frott tas-siġar. Ħafna drabi dan ikun frott li kieku nikluh aħna jsabbatna għax ikun velenuż! Imma lill-għasafar flok ma joqtolhom, il-velenu jibqa' fihom u jsiru huma stess velenużi! Anzi din issir parti mid-difiża tagħhom kontra l-predaturi.

Jibqa' xorta misteru l-fatt li l-velenu huwa daqshekk qawwi! Mhumiex weħidhom. Per eżempju -aktar brimba velenuża tad-dinja hija l-funnel-web spider. Din ukoll: gidma tagħha malajr tibagħtek id-dinja l-oħra! Ħadd ma jaf għaliex dik il-qawwa kollha - ma tgħidx li jattakkawha l-iljunfanti! Is-suġġett tal-velenu fin-natura huwa interessanti ħafna, speċjalment meta toqgħod tara kif l-annimali u l-pjanti l-ħin kollu jiżviluppaw difiżi ġodda biex dejjem ikunu minn fuq. Tip ta' gwerra bierda.

Bilħaqq, grazzi tal-kliem sabiħ dwar *il-Huttafa*. Tinsiex, però, il-magażin mhux xogħol tiegħi biss imma ta' grupp Leaders u membri dedikati.

L-Editur

Attività

## ...u la wasal il-Milied, wasal ukoll il-paaaaarty!



Ejjew gawdu magħna l-aħħar attività tas-sena, u waħda mill-iktar popolari wkoll. Insomma, ikel u xorb, logħob u divertiment, rigali u sorpriżi, awguri u xewqat eċċ.

Data: **L-Erbgħa 18 Diċembru 2002**
Post: **Skola Primarja Floriana**
Ħin: **6.30pm - 8.30pm**
Età: **Ħuttaf kollha**
Dħul: **Lm1.75** (fil-bieb)
Ibbukkjaw: tel **21347646** jew
email **office@birdlifemalta.org**
closing date: **14 Diċembru 2002**




## Help!

**KULL weekend minn issa sa l-aħħar ta' Jannar 2003 se jkollna bżonn voluntiera biex naħdmu fil-proġett Foresta 2000, fejn se nħawlu ħafna siġar. Min jixtieq jgħin iċempel l-uffiċċju u jagħti ismu u t-telefon jew jibgħat email bid-dettalji lil office@birdlifemalta.org**

## Inkredibbli!

**Fatti ta' l-għaġeb mid-dinja tat-tajr, miġburin minn Jason Aloisio**



L-għasfur **taż-żebbuġ** (hawfinch) għandu l-iktar munqar b'saħħtu fid-dinja! B'għafsa waħda kapaċi jkisser iż-żerriegħa (l-"għadma") taż-żebbuġ u taċ-ċirasa biex jikolhom. Issa għadma ta' żebbuġa trid forza ta' 50kg biex tinkiser, fi kliem ieħor tiflaħ fuqha piż ta' 50kg qabel ma titfarrak. Immaġinaw x'saħħa ta' muskolu għandu. Mur afdah b'sebgħek, eh?!

# FALKO

Falko [illegible] ta' BirdLife Malta



## Ħbieb Falkuni!

Ghalaqna sena! Kemm jgħaddi ż-żmien! Anqas minn sena ilu konna qed inċemplu n-nies biex jattendu l-ewwel laqgħa tal-kumitat tal-Falko. Niftakar konna ltqajna s-Sibt 28 Diċembru 2001 fid-9.30am fiċ-Ċentru tal-BirdLife...

U minn dakinhar 'l hawn il-kumitat issaħħaħ u ħa l-forma. Dawn huma l-karigi llum:



- Ċerpersin: **Justin Vassallo**
- Segretarja: **Joanna Ellul**
- Publications: **Matthew Borg Cardona**
- Activities: **Franco Farrugia, Saviour Spiteri**
- Webmaster: **Anthony Sammut**
- Leaders co-ordinator: **Simon Sultana**
- Membri: **Stefan Azzopardi, André Callus, Graziella Grech** u **Caldon Mercieca**

Kulħadd qed jgħin u jaħdem, jien naf kemm. Darba dax-xogħol kont nagħmlu waħdi. Issa maqsum bejnietna. B'hekk xi affarijiet li ma kellix ċans għalihom issa bdejniehom ukoll, per eżempju l-websajt tal-Falko, li x-xogħol fuqha miexi sew. Mela prosit u grazzi lil kulħadd fil-kumitat. Dakinhar li naghlqu sena se nkunu kamp Għawdex - mela lestu għall-briju!

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO





Membri Falko waqt il-ħarġa bid-dgħajsa meta morna taħt l-irdum Ta' Ċenċ. Kienet esperjenza tal-ġenn, rajna tapit sħiħ ta' ċ-ċief jgħum f'wiċċ l-ilma ftit metri mil-lanċa.

**Attività**

## Kamp Għawdex




Il-kampanja Maltija thaddar fix-xitwa! Għalhekk sejrin kamp Għawdex proprju f'dan iż-żmien biex ingawdu l-ġmiel ta' l-ambjent li nsibu hemm. U niċċelebraw l-għeluq is-sena mit-twaqqif tal-Kumitat Falko!!

Dati: **27-29 Diċembru 2002**

Biex tibbukkjaw ċemplu l-uffiċċju tal-BirdLife **21347646**, jew email lil **office@birdlifemalta.org**

Aktar dettalji lil min japplika.

## HAJK

**2 Frar 2003**

Ngħaddu minn Wied Babu, Wied iż-Żurrieq, Għar Lapsi, is-Siġġiewi u naqbdu tal-linja minn hemm.

Niltaqgħu: **730am** Bieb il-Belt jew **8am** il-venda taż-Żurrieq

Nispiċċaw: xi **330pm**

## Qgħadna ngaraw il-ġebel!

F'Ottubru kellna n-najt ħajk. B'xorti tajba nzerta temp tajjeb (insomma meta ma kienx, xorta waħda ħadna pjaċir).

Tlaqna mir-Rabat għal xi d-9pm u rħejnielha għal għonq it-triq lejn l-iMġarr. Għaddejna minn ħdejn it-tempji ta' Ħaġrat u meta wasalna ħdejn il-knisja ta' l-iMġarr għamilna waqfa qasir.



Komplejna l-mixja tagħna lejn Għajn Tuffieħa. Il-postijiet li għaddejna minnhom huma mill-isbaħ - imbagħad issib min jgħidlek li Malta m'għandniex kampanja sabiħa. Terġa' bil-lejl il-kampanja tieħu xejra differenti għax qisha tibda tħaddan fiha ċertu misteru.

Ġbidna lejn il-Manikata u wara qbadna t-triq lejn il-Mellieħa sakemm wasalna l-Għadira. Kienu saru xi s-2.30am imma bejn nistrieħu xi ftit, nieklu biċċa ħobż u nghidu xi ċajta, il-ħin lanqas rajnieh u l-għeja ma ħassejnihiex. Ikkampjajna l-Għadira u wara ftit kulħadd raqad fil-fond.

L-għada filgħodu tlaqna lejn it-Taflija, ix-xaqliba art li hemm taħt it-Torri l-Aħmar. Hemmhekk qgħadna ngaraw il-ġebel! Le, din ma kinitx xi intifada ġdida! Konna qed niġbru l-ġebel għall-ħitan tas-sejjieħ li ħa jinbena bħala parti mill-proġett Foresta 2000. X'ħin għejejna, kulħadd telaq lejn daru.

Narawkom fl-attività li jmiss!

André Callus








# il-biedja organika

*Elisabeth Conrad*

Mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, il-biedja saret dejjem iktar industrijalizzata. Beda jintuża ħafna iktar makkinarju, żdiedet il-produttività u l-art bdiet issir iktar artifiċjali bl-użu sfrenat ta' diversi kimiċi sintetiċi bħal fertilizzanti u pestiċidi. Daż-żmien, però, qed isir popolari wkoll tip ġdid ta' biedja: il-biedja organika.

## xi tkun?

Xi tkun eżatt biedja organika? Il-biedja organika hija sistema ta' biedja li ibda biex tiffavorixxi l-użu tar-riċiklaġġ, fejn sustanzi li jinsabu fl-iskart jitreġġgħu lura fil-ħamrija - b'hekk il-biedja organika temmen ħafna fl-użu tal-kompost.

Tiffavorixxi wkoll l-użu ta' riżorsi li jistgħu jerġgħu jintużaw, jew għall-inqas li ma jużawx ħafna enerġija.

Fejn tidħol trobbija ta' l-annimali, il-produzzjoni hija ppjanata b'attenzjoni partikolari għall-kumdità ta' l-annimali: jingħataw spazju biżżejjed fejn jimxu u jgħixu ħajja normali mingħajr għeluq jew rassa żejda. Jingħataw ikel naturali, kura u attenzjoni, u jintwera rispett lejn id-dinjità tagħhom bħala annimali ħajjin u li jħossu.

Fejn jidħol kontroll ta' mard u pests, il-biedja organika tuża metodi bijoloġiċi flok kimiċi. Per eżempju jintużaw predaturi bħal nannakol biex jikkontrollaw il-brieghed tal-ful (aphids) u dud tal-frott. Fin-natura, in-nannakola tiekol kwantità kbira minn dawn l-annimali żgħar, u l-istess tagħmel jekk għandek għalqa infestata bihom! L-istess effett għandha d-debba tax-xitan (praying mantis), li wkoll tiekol ħafna insetti bħal aphids, ġurati - litteralment li jiġi għal idejha! L-Amerka hemm negozju sħiħ f'bejgħ ta' bajd ta' dan l-insett bżonnjuż! B'dan il-metodu naturali, il-biedja organika tiffranka li tferrex litri fuq litri ta' veleni u kimiċi fil-ħamrija.




## ftit wisq...

Imma minkejja dawn il-vantaġġi, il-biedja organika s'issa għadha persentaġġ żgħir wisq tal-biedja kollha. Għal dan hemm diversi raġunijiet.

L-ewwelnett, il-prezz ta' prodotti organiċi ġeneralment ikun iktar għoli minn dak ta' prodotti "normali". Dan mhux għax il-biedja organika fiha nnifisha twassal għal inqas qligħ, imma għax hemm diversi ostakli oħrajn, liġijiet, regolamenti eċċ.

Hemm ukoll bżonn ta' tibdil fil-mentalità tal-konsumatur stess. Aħna stess lesti nħallsu ftit iktar għal prodott li huwa iktar ħanin ma' l-ambjent, u li wara kollox fih ukoll inqas riskji għal saħħitna?

## qed tinfirex!

Fil-fatt dan diġà beda jseħħ. Speċjalment wara d-diversi diżastri fil-biedja li seħħew f'dawn l-aħħar snin (il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Ingilterra, il-*mad cow disease*, eċċ). Aktar nies illum qegħdin jixtru prodotti organiċi milli kienu 10 snin ilu.

Li prodotti organiċi huma aħjar għas-saħħa hemm provi f'diversi studji. Per eżempju, il-ħass organiku għandu darbtejn iktar ħadid minn ħass mhux organiku. Kaboċċi organiċi għandhom 30% iktar vitamina C.

Minkejja li l-biedja organika bħalissa tinħadem fi 2% biss mill-art agrikola fl-Ewropa, il-figuri jagħmlulna kuraġġ. Ir-rata li biha żdiedet il-biedja organika f'dawn l-aħħar 10 snin fl-UE kienet ta' xi 25% fis-sena. Bla dubju, ebda tip ta' biedja oħra fl-Ewropa mhi qed tinfirex b'din ir-rata!

F'Malta wkoll qed nisimgħu iktar bil-biedja organika. Jalla f'pajjiżna wkoll tinfirex.






## mur aqbad ktieb

kitba **Michael Twinn**
tpinġija **Patricia D Ludlow**
edizzjoni Child's Play, 1994

# *"Tiġix dis-sena, Santa Klaws!"*

Dax-xahar sibtilkom ktieb bi storja li għandha x'taqsam mal-Milied.

Fil-ktieb **Dear Santa** naraw lil Santa Klaws u l-qaddejja tiegħu jippreparaw l-imħażen bil-ġugarelli biex imbagħad iqassmuhom f'lejlet il-Milied. Imma meta bdew jifthu l-ittri tat-tfal, sabu li dawn ħlief kompjuters u logħob elettroniku li jiswa ħafna flus ma ridux.

Santa Klaws ħa qatgħa għax hu lanqas biss kien jifhem f'dawn l-affarijiet, ahseb u ara kemm kellu minnhom! Beda jħoss li t-tfal kienu saru egoisti wisq: aktar m'għandhom, aktar iridu. Ftakar fl-ewwel Milied, kemm kien sabiħ u sempliċi. Minkejja kollox, qatagħha li jqassam ir-rigali li kellu lesti, bit-tama li t-tfal kienu xorta jieħdu gost bihom. Imma Santa Klaws baqa' mdejjaq għax ħassu xiħ wisq biex jifhem lit-tfal tal-lum! Imma mbagħad irċieva ittra mingħand grupp ta' tfal li bidlitlu l-burdata għal kollox, u ġegħlitu jerġa' jibda jemmen fil-qalb tajba tal-bnedmin.

*Janet Gerardi*

**Mal-faċċata!**



**ta' quddiem!**

Il-**gallozz iswed** (moorhen *Gallinula chloropus*) huwa għasfur li jekk tmur sas-Simar jew l-Għadira kważi żgur tarah. Mhux minn dejjem hekk kien, tafux! Qabel ma l-BirdLife ħolqot dażżewġ riservi, biex tara gallozz iswed kont trid tinzertah f'xi barriera bl-ilma. Dan l-għasfur miskin qiegħed fil-lista ta' l-ikkundannati - jiġifieri l-kaċċaturi jistgħu jisparawlu! Ma jaħmlux għasfur ħaj!

**tinsewx iżżuru l-websajt tagħna...**
**www.birdlifemalta.org**



## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**






Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________ postcode ______________________
Data tat-twelid ______________________ Telefon ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________ postcode ______________________
Membership number ______________________ Telefon ______________________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**






**Iftħu l-Ħuttafa u ħarsu lejn il-qoxra miftuħa.
Dan huwa d-daqs tal-kalendarju l-ġdid.
Il-kalendarju tal-BirdLife għas-sena 2003!
Bomba hux!!!
Hawn fuq qed taraw biss il-faċċata mċekkna.
Għax-xhur l-oħrajn hemm iktar ritratti ta' għasafar, kollha daqsxiex!
Tridu kopja? Mela ħaffu, għax bħalma ġara s-sena l-oħra... malajr itiru! Għasafar huma, wara kollox !!**

Biex tiddubbaw il-Kalendarju BirdLife Malta 2003

- ibagħtu **Lm2.15 (ċekk* jew bolli tas-7ċ mhux użati) flimkien mad-dettalji tagħkom lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12, jew...**
- aslu **wasla saċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex** (Mon-Fri, 9am-1pm), jew...**
- aqbżu **qabża sar-riserva ta' l-Għadira fi tmiem il-ġimgħa (Sat-Sun, 9.30am - 3.30pm)**

*ċekkijiet pagabbli lil BirdLife Malta. Il-kalendarju jiswa **Lm1.95**. Bil-posta jiġi 20ċ iktar.
**iċ-Ċentru tal-BirdLife qiegħed blokk 'l isfel mill-istabbiliment ta' l-Opel, faċċata tal-Guardian Insurance.